# IMWIELED H'ATTARD, MOSTI NATURALIZZAT, JIMMORTALIZZAH L-IMĠARR TA' MALTA

# MONS. DUN EDGAR SALOMONE (1882 - 1969)

*minn Anthony CAMILLERI B.A. (Hons), Dip. Ed. (Adm. & Man.) scl*

**ŻMIEN BIKRI**

Edgar tfaċċa għad-dawl tad-dinja f'Ħ'Attard, wieħed mit-tlett irħula żgħar pittoreski magħrufin għall-ġonna tal-larinġ, l-arja bnina u l-kwiet. Il-wild ċkejken kien bin Dr. Francesco Goffredo, tabib, u Vincenza Portelli, bint Dr. Giuseppe u neputija tal-magħruf Professur Gavino Patrizio Portelli.



Esaltate meco il Signore, ed esaltiamo
insieme il Nome di Lui.
Psalmo xxxiii-3.

IN QUESTO GIORNO
IL PIÙ BELLO DELLA MIA VITA
MENTRE
OFFRO A TE, O MIO DIO
LA PRIMA OSTIA IMMACULATA D'AMORE
SI SON COMPIUTI I VOTI MIEI PIÙ ARDENTI
FAMMI TU PIETOSO SIGNORE
SEMPRE PIÙ DEGNO
DELLA SUBLIME DIGNITÀ RICEVUTA

MIO BUON GESÙ
FA, CHE AL GAUDIO DEL GENITORE
DEI CONGIUNTI E DEGLI AMICI IN TERRA
RISPONDA QUELLO DELLA MADRE
E DI TUTTI I MIEI CARI DEFUNTI
NELL'ETERNO RIPOSO DEL CIELO.

MUSTA 3 GENNAJO MCMIX
SAC. EDGARDO SALOMONE.

Tip. della Casa di S Giuseppo

*Santa ta' l-Ewwel Quddiesa ta' Dun Edgar.*

Ta' erba' snin Edgar ġie joqgħod il-Mosta minħabba li missieru ġie jaħdem ta' tabib u t-tifel beda jattendi l-iskola fi Triq il-Kurat Calleja. Mill-iskola tal-gvern tal-Mosta għadda għall-Kulleġġ Ingliż ta' Sant' Injazju tal-Ġiżwiti f'San Ġiljan u wara daħal biex jistudja u jitħejja għal saċerdot fis-seminarju. Qatta' wkoll sentejn Londra taħt il-Ġiżwiti.

Ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fid-19 ta' Diċembru, 1908. Qaddes l-ewwel quddiesa solleni fir-Rotunda l-Ħadd, 3 ta' Jannar. 1909. Nisiġlu l-paniġierku "l-Arċipriet tat-tfal", Dun Pawl Mallia.[1]

Fl-1910 ippubblika diversi kotba fuq il-Mosta. Dun Edgar jibqa' miftakar speċjalment għad-difiża ta' Grognet kontra l-kritika infundata ta' James Fergusson, li wasal biex iddikjara li l-veru arkitett u inġinier tar-Rotunda ma kienx il-letterat, arkitett u inġinier li f'demmu kellu jiġri l-ħajja u l-kobor ta' Franza, imma l-bennej li kienu jimxu fuq it-treġija tiegħu. ***Grognet Confuta Fergusson: documenti inediti*** (1911) jibqa' xogħol mill-aktar siewi biex isikket il-qlajja' li bħalhom ta' spiss x'uħud jippruvaw jiskreditaw l-istorja nobbli tal-Mosta.

Dun Edgar beda l-ħidma tiegħu Tas-Sliema fejn ħadem għal ħames snin mal-Frères u mas-Sależjani. Hemm waqqaf il-Lega Ewkaristika snin wara. Kien iqaddes kuljum fil-kappella ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Fost il-pubblikazzjonijiet insibu ***Manual of Prayers for English-Speaking Maltese Boys, Eucharistic League Founded by Fr. E.W. Salomone*** (1912). Tas-Sliema żied grawnd għand il-Frères biex it-tfal ikollhom fejn jilagħbu. Din l-esperjenza servietu ħafna meta ħa l-Oratorju Qalb ta' Ġesù, mibdi minn Dun Karm Gauci, fl-1916. Kellu oratorju organizzat u dejjem mimli għat-tagħlim tad-duttrina.

Fl-1916 Dun Edgar waqqaf truppa ta' 72 skawt fi ħdan l-Oratorju. Fl-1917 wieġeb b'ġenerożità għall-appell tal-Kardinal Bourne, wieħed mill-kardinali li ġew il-Mosta għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, u mar kappillan militari għall-front tal-Lvant. Kien lejlet il-Milied li nfired mill-oratorjani Mostin b'qalb tqila forst emozzjoni mrażżna.




*Kitba minn idejn Dun Edgar li turi il-protezzjoni li ta lill-Banda Nicolò Isouard fi żminijiet diffiċli.*

F'Lixandra għal tmiem is-sena 1917 ra l-għarqa. Serva fl-Eġittu, fil-Palestina, fil-Maċedonja, fil-Kawkasu, u spiċċa fit-Turkija. Wara sena ġie rikmandat mill-Kurunell ta' l-Isptar għall-grad ta' Maġġur "għall-enerġija, tattika u kapaċità fil-qadi ta' dmirijiet wisq diffiċli", l-iżjed fl-aħħar taqbid ta' l-Ingliżi kontra l-Bulgari u meta qabdet l-Ispanjola wara l-Armistizju, meta ġieli assista tmintax-il moribond u l-għada difinhom fuq l-għolja ta' Hortiac f'Solonika.[2]

## KAPPILLAN TA' L-IMĠARR

Fl-1920, wara li ġie lura Malta, Mons. Arċisqof Dom Mauro Caruana OSB bagħtu bħala viġendarju l-Imġarr biex jgħin lix-xwejjaħ Kappillan, il-Mosti Dun Ġlormu Chetcuti. Dam għaxar snin hekk sakemm Dun Ġlormu nħatar Monsinjur tal-kattidral. Fl-1930 Dun Edgar sar it-tieni kappillan ta' l-Imġarr.[3]

Fl-1932 waqqaf l-Azzjoni Kattolika. F'disa' snin għalaq il-koppla elittika. Qabel ma laħaq kappillan irnexxielu jwaqqaf l-Iskola Primarja tal-Gvern li kien beda f'ħanut ta' parrukkier u nbeda l-bini sabiħ ta' l-Iskola tal Gvern.[4]

Bit-taħbit ta' Dun Edgar fl-1934, l-Imġarr kiseb it-Tabib Distrettwali residenti fir-raħal. Fl-1935/36, bl-għajnuna ta' l-Aġent Gvernatur Sir Harry Luke, waqqa' l-griebeġ li kienu jkerrhu d-daħla għall-knisja. Irnexxielu jieħu mingħand il-Gvern il-Jubilee Esplanade, li swiet £2000. Mingħand Sir Harry Luke kiseb ukoll it-twaqqif ta' l-ewwel muniċipju ta' Malta, fejn kien hemm l-għassa tal-pulizija, it-telefon, il-berġa u d-dar tat-tabib.[5]

Fit-2 ta' Ottubru 1948, Dun Edgar irnexxielu jara t-tempju ta' Marija Assunta kkonsagrat mill-ET l-Arċisqof Mikiel Gonzi. Waqqaf dar kbira għad-duttrina u sala parrokkjali, li fetaħha fil-ħarifa ta' l-1953.[6]

Fi żmienu l-Imġarr ta' erba' saċerdoti, li tnejn minnhom laħqu kappillani, erba' fratelli lajċi u tnejn u ħamsin soru, li minnhom tnejn u għoxrin siefru għall-missjoni fl-Eġittu, l-Awstralja, l-Etjopja, l-Indja, il-Pakistan, l-Italja, Sqallija, is-Sirja, l-Istati Uniti ta' l-Amerka, l-Ingilterra, it-Tanganika, Tripli u l-Afrika ta' Fuq.[7]

Għas-servizzi distinti u soċjali li ta fl-1935, Dun Edgar irċieva l-Jubilee Medal tar-Re Ġorġ V. Fl-1947 il-Papa Pija XII tah is-salib ***Pro Ecclesia et Pontefice.*** Wara l-ftuħ tas-sala parrokkjali, il-Gran Kunsill ta' l-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' Malta ħatru Kappillan Kavallier Konventwali ***in gremio Religionis***.[8]

Fit-3 ta' Novembru 1954, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi ħatru Kanonku Monsinjur Onorarju tal-Kattridral Metropolitan ta' Malta wara ħidma bla serħan ta' sitta u erbgħin sena bħala saċerdot.[9]

## IS-SERVIZZ VALORUŻ FI ŻMIEN L-EWWEL GWERRA DINJIJA

Fil-ħarifa ta' l-1917, Dun Edgar qara appell tal-Kardinal Bourne, li ried ħdax-il qassis biex jimlew vojt li kellu fl-armata tal-Lvant Nofsani. Wara li qala' l-permess ta' l-isqof, Dun Edgar mar għand il-kappillan anzjan Dun James Dey u offra ruħu. Ġie aċċettat fit-13 ta' Novembru, 1917 u kummissjonat bħala kappillan kaptan fl-Armata Ingliża.[10]

Beda jaħdem fl-Isptar tal-Kavallieri f'tarf Triq il-Merkanti. Fil-Milied tela' fuq il-vapur tat-trasport ***Osmanieh*** flimkien ma tnejn oħra min sħabu, Dun Albert Pantalleresco u Dun Ang. Copperstone. Marru Lixandra skurtati minn tliet ***destroyers*** Ġappuniżi b'sottomarin Ġermaniż warajhom. Wara tmint ijiem bdew deħlin fil-port ta' Lixandra fl-Eġittu. Kien it-Tnejn, 31 ta' Diċembru, 1917. L-***Osmanieh*** intlaqat b'***torpedo***. Kulħadd ngħata l-ordni biex jaħseb għal rasu. Dun Edgar intefa' bil-ħwejjeġ b'kollox fil-baħar u wara sagħtejn ittella' minn wieħed mid-***destroyers*** Ġappuniżi.[11]

Mons. Arċisqof Caruana bagħat jifraħ lil Dun Edgar permezz ta' Mons. Giuseppe De Piro għall-għajnuna kbira li ta lil dawk li kienu jmutu minn ħin għal ieħor minħabba l-ġrieħi li ġarrbu bl-isplużjoni. Il-ġeneral feraħlu talli ta l-***life jacket*** lil ħaddieħor u ssogra li jitlef ħajtu. *"That's the way to win the war, Padre."*[12]

Dun Edgar sab ruħu fil-Palestina fl-ewwel qadi ta' dmiru. Kien fi Quo Bej Be (Emmaus). Kien ikollhom tliet rejdijiet kuljum u bumbardamenti mit-Torok. Imbagħad bagħtuh fi sptar regulari fuq ir-ramel tas-Sinai. Dun Edgar jirrakkonta l-każ ta' suldat żagħżugħ li kien mogħti għall-mewt. Ma kienx hemm x'tagħmillu. Dun Edgar qagħad jitlob ħdejh u għamillu l-Griżma tal-Morda. L-għada ġablu Madonna ta' Lourdes li kellu fi stoċċ, qegħidhielu ħdejh u talab għalih kuljum fil-quddiesa u ġiegħel lill-kongregazzjoni tagħmel l-istess.[13]

Il-ġuvni stejqer u wara għaxart ijiem beda jimxi u jdur. Ommu kitbet lil Dun Edgar u qaltlu li kien iben uniku u dejjem tqarben fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Dun Edgar qal li dan kien każ verament mirakoluż ta' fejqan mill-Madonna ta' Lourdes u xandru fil-Messaġġier Irlandiż tal-Qalb ta' Ġesù.[14]

Fir-rebbiegħa ta' 1918, il-ġlied fil-Palestina spiċċa u Dun Edgar intbagħat f'Salonika fil-Greċja. Kellu erba' sptarijiet fuq medda ta' tnax-il mil u kien iżurhom fuq debba. Ġieli qaddes tliet quddisiet fil-ħdud u anke matul il-ġimgħa minħabba li kien hemm xi Maltin. Dun Edgar ħadem ħafna għall-bżonnijiet ġenerali tal-Maltin u l-kurunell kien ser jibagħtu Malta. Dun Edgar waqaflu. Fil-

ħarifa ta' 1918, l-Ispanjola għamlet tagħha u kien ikollu x'jagħmel mit-8.00 p.m. sat 8.00 a.m. Fil-11 ta' Novembru 1918, il-ġurnata ta' ta' l-Armistizju ġenerali, waqt li l-Maltin kienu jiċċelebraw tmiem il-gwerra bil-baned, fl-4.00 p.m. Dun Edgar kien fuq l-Għolja Hortiac, fix-xita, jidfen tmintax-il vittma ta' l-Ispanjola, fosthom tmien Maltin u Għawdxin. X'uħud minnhom kienu ilhom ma jirċievu s-sagrament għal bosta snin. Kien ħabibhom, qaribhom u missierhom. Waħdu![15]

Il-kmandant tagħhom kiteb ittra lill-Kappilan Albert W. Purdie biex jirringrazzjah tax-xogħol li Dun Edgar għamel għal dwak il-Maltin kollha ta' l-arja tiegħu.[16]

Suldat Ingliż li kien ibati minn ***shell shock*** talab l-għajnuna ta' Dun Edgar. Iżda l-uffiċjali ma riedux jibagħtuh. Dun Edgar għamel novena lill-Madonna ta' Lourdes u qarbnu kuljum. Ftit ġranet wara l-pazjent qal lil Dun Edgar li, mingħajr ma talab lil ebda tabib, kien ser jintbagħat l-Ingilterra u li dak għalih kien miraklu.[17] Dun Edgar irritorna Malta f'Diċembru 1919.[18]

L-istorja tal-missier li kien ibati bix-***shell shock*** u kien ser jintbagħat lura pajjiżu kellha tmiem differenti. Waqt li kien tiela' t-trakk tal-militar minn wara, il-vettura skussjat lura u għaffġitlu żaqqu. Bagħtu għal Dun Edgar u laħqu kwarta qabel miet. L-infermiera Ingliża stqarret li ħadd mill-kappillani tad-denominazzjonijiet l-oħra ma kien jaf x'ser jagħmillu. Dun Edgar biss tah li ried. Wegħditu minn jeddha li kienet ser issir Kattolika biex issib is-salvazzjoni ta' ruħha bir-reliġjon tiegħu.[19]

F'Diċembru ta' l-1918, il-kuntratt ta' Dun Edgar għalaq u seta' jirritorna Malta. Iżda s-superjuri tiegħu, ir-Rev. Albert W. Purdie, N.Y.C. Rutheford u r-Rev. Stevenson W. Jeffrey, kappillan anzjan tal-British Salonica Force, talbuh biex jibqa! U baqa'.[20]

Fil-11 ta' Frar, 1919 intbagħat iservi mal-XI Royal Welsh Fusiliers 67 Brigade 22 Division BSF. Bil-kesħa ma kienx ikun jista' jaqbad il-kalċi. Mar Kostantinopli u f'Batoum, fir-Russja, fejn kien iqaddes għal Ċiniżi, Goaniż, Taljani, Ingliżi, Maltin, Negri u priġunieri Ungeriżi. Għammed armla Russa. B'tattika fina gerrex żagħżugħ Russu li qabeż fuqu b'ximitarra u spiċċa bix-ximitarra f'idu bħala trofew x'jieħu l-kamp.[21]

Reġa' mar Kostantinopli għax ħadd ma ried joqgħod fl-isptar hemmhekk. Iltaqa' ma' ħabib, li fdalu sigriet. Qallu li kien ser jiżżewweġ Irlandiża Kattolika u hu kien ser jitgħammed għal wiċċ l-għarusa. L-ieħor wieġbu li propju għalhekk kien ferħan li reġa' ltaqa' miegħu għax hu ried jgħidlu li kkonverta meta ra kemm kien saċerdot dedikat, tant li la bard, la xita, la sħana, la ***socials***, u la tennis ma kienu jżommuh mix-xogħol tiegħu fil-qadi ta' Alla. *"Jien tgħallimt minn dan kollu li l-Knisja Kattolika biss tnissel dawn il-veri Ministri ta' Alla."*[22]

Għall-21 ta Diċembru 1919, Dun Edgar telaq minn Kostantinopli għal Malta. Nhar il-Milied bil-lejl akkumpanja bl-uniformi ta' kappillan militari wara l-Bambin fil-purċissjoni tat-Te Deum wara l-Matutin, qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl fil-knisja tal-Mosta.[23] Diċembru kien xahar importanti fil-ħajja ta' Dun Edgar: twieled u sar saċerdot fih u mar u ġie lura mill-front tal-gwerra u ra l-ħelsien mill-għarqa fih ukoll.[24]

Fil-5 ta' Marzu 1920, J. Brown kiteb lil Dun Edgar (S.A./2494/Chaplains) biex jinfurmah li, bħala għarfien għas-servizz li ta fid-Dipartiment tal-Kappillani ta' l-Armata Rjali, ġiet approvata l-ħatra tiegħu bħala kappillan onorarju għall-forzi (HCF), raba' klassi (Kaptan). Bħala tali kien permess lilu li jilbes l-uniformi meta jattendi ċerimonji u divertiment ta' natura militari u f'okkażjonijiet li fihom kien imur li tintlibes l-uniformi. L-uniformi kellha tkun il-libsa tas-servizz u l-baġġijiet tar-rank ikunu dawk tar-rank onorarju. L-ittra **'R'** ***(Roman Catholic)*** kellha tintlibes taħt il-baġġijiet tal-kullar. Ma setgħetx tintlibes waqt attivitajiet politiċi.[25]

Dun Edgar ħalla bil-miktub li minn Settembru sa Diċembru 1918 f'żewġ sptarijiet kbar assista 380 persuna marida bil-***bronco pneumonia*** (l-Ispanjola), ta s-sagramenti lil 170 u wassal 70 sal-qabar. Qatt ma ħass uġigħ ta' ras jew qabdu d-deni. Kien ipejjep il-pipa qabel jidħol u jerġa' jpejjipha wara li joħroġ.[26]

## APPREZZAMENT GĦALL-KITBA TA' DUN EDGAR

***Bidwi Mosti*** kiteb[27] li Dun Edgar għamel ħafna ġid fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta. Kien jilgħab il-ballun mat-tfal u jsir wieħed bħalhom iżda mal-ħin kien jimmarċjahom għad-duttrina. Kien jagħmel teatrini, jagħti ***lectures*** u jorganizza premjazzjonijiet. Ġabar kważi t-tfal kollha tal-Mosta fl-Oratorju. Għallem lit-tfal iħobbu lill-Qalb ta' Ġesù u poġġa lil San Stanislaw Koskta bħala patrun sekondarju. Fakkar meta nfirdu peress li Dun Edgar kien sejjer bħala kappillan militari. ***Bidwi Mosti*** semma li kellu familja kbira u t-tagħlim ta' Dun Edgar swielu ħajtu kollha u għaddih lil uliedu.

## IWIEĠEB DUN EDGAR

F'ittra bi tweġiba Dun Edgar qal li apprezza dak kollu li kiteb ***Bidwi Mosti.*** Il-firda tagħhom ġrat lejlet il-Milied ta' l-1917, skond din l-ittra ta' Dun Edgar. Dun Edgar żied li hu qatt ma nesa lejlet il-Milied ta' sentejn wara meta wasal lura minn Kostantinopli. *"Mid-Dwana bagħtuna Lazzarett biex jiddiżinfettawna bid-duħħan. Karozzin kien qed jistennieni u, malli ġejt biex nirkeb, insib daqs 12-il skawt tiegħi u kbar għeżież tiegħi ta' l-Oratorju lesti bil-**bicycles*** biex 6 kull naħa jwassluni sa

l-Oratorju u d-dar il-Mosta. Id-dħla tiegħi kienet wirja l-aktar għażiża ta' mħabba minn "uliedi" tal-maħbub Oratorju "tagħna".

Illum naħseb dawk "uliedi" waslu għal għomor twil bħall-maħbub "Bidwi". Huma u nieshom bħalu wkoll għadhom jgħożżu t-tagħlim ta' l-Oratorju ...

Jien kelli x-xorti fil-lejl tal-Milied qabel il-purċissjoni tal-Bambin fil-maħbuba Rotunda tagħna, naghti l-brazzuletta tal-fidda li kelli fuq idi l-leminija - "tal-mewt", bl-identità tiegħi, biex jekk immut ikunu jafu min jien. Din jiena libbistha f'idejn il-Bambin bħala wirja qalbiena tiegħi talli reġa' laqqagħni Miegħu qawwi u sħiħ fil-knisja li minnha tlaqt għall-fruntiera sentejn qabel sewwa."[28]

Hi ittra li tikxef l-imħabba ta' dan is-saċerdot lejn il-Mosta, ir-Rotunda, ir-reliġjon u l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

### FESTA F'GĦELUQ IL-25 SENA TA' DUN EDGAR BĦALA KAPPILLAN TA' L-IMĠARR

Nhar is-Sibt, 15 ta' Novembru, 1947 saret festa lil Dun Edgar fl-Imġarr biex tfakkar il-ġublew tal-fidda tal-parrokat tiegħu fost l-Imġarrin. Il-Banda tas-Salesian Boys Brigade, mibgħuta bil-permess tar-Rev. Direttur Prof. Dun Carmelo Fenech DD u l-Konfratelli ta' l-Oratorju tas-Salesjani ta' Tas-Sliema, daqqet marċi brijużi. Il-qniepen semmgħu l-ilħna festivi tagħhom filwaqt li kleru u poplu Mġarri ħarġu bi ħġarhom biex jagħtu tislima mheġġa lir-ragħaj tagħhom.

Is-Sur John Bartolo għamel kelmtejn ta' merħba fil-pjazza. Wara Dun Edgar ta l-barka sagramentali.

Imbagħad il-Ħadd, 16 ta' Novembru fis-7.30 a.m. tqaddset quddiesa baxxa fit-Tqarbina Ġenerali ta' l-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Fit-8.00 a.m. il-kumitat u l-poplu marru quddiem id-dar tal-kappillan u niżżluh proċessjonalment lejn il-knisja, fejn Dun Edgar qaddes quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla u lill-Madonna Assunta għall-grazzji li rċieva matul il-ħamsa u għoxrin sena li għadda fl-Imġarr. Wara l-quddiesa tkanta t-Te Deum u ngħatat il-barka sagramentali.

L-Iskola Cantorum taċ-Ċirklu Injazju Falzon esegwiet il-quddiesa ta' Dierux taħt it-tmexxija tas-surmast Ġużeppi Casapinta FRSM u kienet akkumpanjata mill-orkestra.

Fit-3.00 p.m. wasal l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, li ntlaqa' mill-kumitat quddiem il-Jubilee Esplanade. Tkanta l-Innu tal-Papa, sar ***Guard of Honour*** mill-Boy Scouts ta' l-Oratorju tal-Mosta, li kienu twaqqfu minn Dun Edgar fl-1916.[29]

Quddiem il-plakka ***Inti Tagħna u aħna Tiegħek*** sar diskors mill-Kappillan Dun Orazju Vella B.L. Can. DD. Imbagħad l-Arċisqof kixef plakka tal-bronż u rħama b'tifkira ta' Dun Edgar.

Is-Sur Ġanni A. Cilia, Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern, għamel kelmtejn lil Dun Edgar. Wara saret akkademja mużiko-letterarja quddiem il-portiku tal-knisja. Ħadet sehem ukoll ***The Mozart String Orchestra*** ta' Tas-Sliema taħt id-direzzjoni tas-surmast Carmelo Pace.[30]

Is-Surmast Cilia fakkar li kienet idea ta' Dun Edgar li kull familja tikkontribwixxi bajda fil-ġimgħa għall-ispejjeż tal-bini tal-knisja. Bis-saħħa ta' din l-idea nġabru madwar nofs miljun bajda u għadd ta' tjur u annimali.[31]

Wara t-taħdita tas-surmast Cilia, Mons. Arċisqof Gonzi libbes it-***Thanks Badge*** għas-servizz li ta lill-Moviment ta' l-iskawts. Fi tmiem diskorsu, l-Arċisqof ħabbar li l-Papa Piju XII għogbu jonora lil Dun Edgar bis-Salib ***Pro Ecclesia et Pontefice.***

Captain E.J.F. Price, l-*Island Commissioner*, u s-Sur Carmelo J. Schembri, Scoutmaster tat-truppa tal-Mosta, semmew l-interess kbir li Dun Edgar dejjem ħa fil-moviment ta' l-iskawts, ħaġa li dehret sa mill-1916 meta twaqqfu l-iskawts tal-Mosta fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

Wara li rringrazzja lil kulħadd, Dun Edgar qal li xewqtu ewlenija kienet li jibqa' sa l-aħħar jiem ta' ħajtu magħruf bħala "il-qassis".




*16-11-47*
*L-inawgurazzjoni tal-plakka b'tifkira ta' Dun Edgar.*

Fost dawk preżenti kien hemm l-Imħallef Gouder u s-Sinjura, ir-Rev. McLoughin, Rettur ta' St. Patrick, il-Markiża Apap Bologna, Lady Mifsud, Profs. u Mrs Gatt, Captain u Mrs Ingham u Mrs Wyndham Grech.[32]

Il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta daqqet programm wara nofsinhar bħala kumpliment lil Dun Edgar fil-festa tiegħu fl-Imġarr.[33] Kienet hi li laqgħet lil Mons. Arċisqof Gonzi bl-Innu tal-Papa u wasslitu fuq il-palk.[34]

### ANNIVERSARJI TA' L-ISKAWTS TAL-MOSTA

Bejn il-25 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 1947, l-iskawts tal-Mosta fakkru t-tletin sena minn meta l-grupp ġie konfermat (1917-1947). It-twaqqif sar sena qabel fl-1916 minn Dun Edgar. Wara t-twaqqif tiġi l-konferma. Fl-1947, għeluq it-tletin sena mit-twaqqif, iċċelebraw il-Ġublew tal-Fidda li ma setgħux jiċċelebrawh ħames snin qabel minħabba l-gwerra.[35]

Fil-ftuħ ta' dik il-ġimgħa ta' attivitajiet, Dun Edgar Salomone H.C.G. semma l0-ideali li jnebbħu l-iskawt Kattoliku. Qal li jiftakar b'ferħ kbir dawk il-ġranet sbieħ fil-ħajja bikrija ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u t-truppa li kien waqqaf.[36]

Kien hemm preżenti mal-mitejn u ħamsin mistieden fosthom personalitajiet distinti fil-Mosta, bħall-Arċipriet Carmelo Sciberras, il-Kaptan E.J.F. Price u Miss Price, Mrs u Miss Ingham, il-Maġġur Beaumont Hembrow u Miss E. Vella.[37]

### FTUĦ TAS-SALA DUN EDGAR L-ORATORJU MARIJA IMMAKULATA

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru 1953, wara nofsinhar l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi inawgura l-Oratorju Marija Immakulata. Dan l-oratorju hu magħruf ukoll bħala s-Sala Dun Edgar u nbena f'inqas minn sentejn biż-żelu u t-tħabrik ta' Dun Ġużepp Vella mrieġi minn Dun Edgar. L-Oratorju jservi bħala s-sede ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-Imġarr u jrid jilħaq skopijiet kemm reliġjużi, soċjali u rikreattivi.[38]

### ĦIDMA MIRFUXA U APPREZZATA

Meta Dun Edgar spiċċa x-xogħol fuq il-knisja ta' l-Imġarr, kien fadallu £2000. Bihom ta bidu għall-Oratorju Marija Immakulata,[39] li tlesta f'sentejn.

Bis-saħħa tiegħu fl-Imġarr inbniet skola primarja tal-Gvern u l-ewwel ċentru ċiviku li kellu dar residenzjali għal tabib, għassa tal-pulizija u sala muniċipali. Fetaħ ukoll l-iskola tas-Sorijiet Franġiskani fil-kunvent li għandhom imiss mad-dar tal-kappillan.[40] Dun Edgar ħadem u rsista permezz tal-kuntatti u l-ħbieb li kellu biex fl-1950 fl-Imġarr jitwassal id-dawl elettriku.[41]

F'Jannar 1958 inkixef bust, daqs reali ta' bniedem, ta' Mons. Dun Edgar, fil-kwartier ġenerali ta' l-iskawts tal-Mosta bħala turija ta' rispett lejn il-fundatur ta' l-iskawts fil-Mosta. Il-bust, xogħol l-iskultur Mosti Ġanni Bonnici, tbierek mill-Arċipriet Dun Paolino Galea.[42]

Fl-1935 il-Gvernatur Sir Charles Bonham-Carter onora b'mod singolari lil Dun Edgar billi f'ħajtu semmielu triq għalih, it-triq li fiha kien joqgħod.[43]



*Il-Banda Nicolò Isouard taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ġanni Vella tilqa' lill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi mal-wasla tiegħu fl-Imġarr.*

### QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR FIR-ROTUNDA

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Jannar 1959, il-Monsinjur Kanonku Onorarju Dun Edgar W. Salomone qaddes *"fuq l-altar il-maġġur tal-famuża Rotunda tal-Mosta"* b'radd ta' ħajr u tifkira tal-ħamsin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Dun Edgar kien ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Dr. P.P.Pace fid-19 ta' Diċembru 1908.[44]



TIFKIRA
TAT-TIGDID TAL-
KONSAGRAZZJONI TAL-
FILARMONIKA NICOLO' ISOUARD
MOSTA
LILL-
QALB IMQADDSA TA' GESU'
U LILL-
QALB IMQADDSA TA' MARIJA
MIR-
REV. MONS. EDG. W. SALOMONE
FIT-12 TA' AWISSU 1956

*Santa tal-Konsagrazzjoni. Turi r-rabta tas-Soċjetà Nicolò Isouard ma' Dun Edgar Salomone.*

***Old Boy*** mill-Mosta ħalla deskrizzjoni ta' x'ġara dakinhar.[45] Hu kiteb li l-poplu tal-Mosta onora lil Mons. Edgar Salomone PEP, HCF fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Il-quddiesa ta' radd il-ħajr, it-Te Deum u l-bews ta' l-idejn saru fir-Rotunda tal-Mosta fejn ħamsin sena qabel Mons. Salomone ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu.[46]

Mons. Salomone twassal il-knisja mill-banda u l-Boy Scouts tal-Mosta bil-kuluri jperpru. Meta wasal fuq iz-zuntier ngħata ovazzjoni mill-qalb mill-folla u ntlaqa' mill-Arċipriet Dun Paolino Galea.[47]

Mons. Salomone kien assistit minn tliet kappillani waqt il-quddiesa. It-tlieta kienu aljievi tiegħu fi ċkunithom. Dawn kienu l-Arċipriet Dun Paolino Galea tal-Mosta, li assistieh bħala l-preżbiteri tiegħu, filwaqt li Dun Orazju Vella u Dun Alwiġ Deguara, kappillani ta' l-Imġarr u Ħal Għargħur rispettivament, kienu djaknu u s-sud-djaknu. Il-Professur J. Manchè u Dr Ferdinand Calleja kienu l-isponsors. Il-Kapitlu Metropolitan tal-kattidral kien rappreżentat minn delegazzjoni magħmula mill-Arċidjaknu Mons. J. Apap Bologna u l-Monsinjuri A. Buhagiar u J. Fenech.[48]

GHEŻIEŻ
HUTI, QRABATI, HBIEBI
F'GHELUQ IL-HAMSIN SENA
MINN META SIRT QASSIS TAL-MULEJ
NITLOBKOM ILKOLL
TINGHAQDU MIEGHI
F'INNU TA' RADD IL-HAJR 'L ALLA
GHALL-GRAZZJI KBAR
LI XERRED FUQI
FIL-FIRXA TA' DAN IŻ-ŻMIEN TWIL
FIL-QASAM TIEGHU FOST ULIEDU
TAHT IL-HARSIEN MAHBUB
TA' OMMU
IMTELLGHA S-SEMA HDEJH
IBQGHU ITOLBU GHALIJA INTOM
F'DAWN L-AHHAR JIEM TA' HAJTI
BIEX JIEN UKOLL NASAL FIL-HENA
MA' ĠESÙ, MA' MARIJA FIS-SEMA

**DUN EDGAR W. SALOMONE**

MOSTA 4 TA' JANNAR 1959
MĠARR 11 TA' JANNAR 1959

931 PRINTED IN ITALY

*Tifkira tal-ħamsin sena saċerdozju ta' Dun Edgar.*

Wara l-Vanġelu, l-Arċipriet Galea għamel paniġierku mqanqal dwar ir-rabta tas-saċerdozju ma' l-Ewkaristija. Hu faħħar il-kwalitajiet ta' Mons. Salomone u kien kommoss minħabba li hu stess kien aljiev antik ta' Dun Edgar fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta.[49]

Il-ftit diskors li tkellem Dun Edgar tkellmu bi tqanqil u emozzjoni liema bħalhom. Waqt il-bews ta' l-idejn kien hemm xeni kommoventi ħafna[50] li kienu jixhdu l-imħabba u r-rispett li l-Mostin u dawk kollha li ġew fir-Rotunda famuża tagħhom biex jifirħu f'din l-okkażjoni kellhom għal Dun Edgar ta' H'Attard, il-Mosta u l-Imġarr, iben den ta' pajjiżu.

## X'IFISSER DUN EDGAR GĦALL-IMĠARRIN

L-Imġarrin bir-raġun qiesu lil Dun Edgar bħala "missier".[51] Hu stess fisser lil Douglas Hyde, meta dan żar Malta, x'kienu jfissru l-Imġarrin għalih.[52] Għal apprezzament dwar il-ħidma ta' Dun Edgar u l-għożża ta' l-Imġarrin lejn dan il-missier għaqli, induru lejn il-kitba tal-Prokuratur Legali Giuseppe Borg Pantalleresco. Il-kitba hi intitolata ***Missier in-Nies ta' l-Imġarr.*** Il-P.L. Borg Pantalleresco kiteb li Dun Edgar dejjem ħadem



*Mons. Edgar Salomone waqt il-quddiesa fir-Rotunda b'tifkira tal-ħamsin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.*

għall-progress morali u intelletwali tar-raħlin, kważi kollha bdiewa u ħaddiema.[53]

Kellu rieda ta' l-azzar u din għenitu biex iwassal fi tmiemha l-knisja ta' l-Imġarr, mibdija mill-Mosti l-ieħor, Dun Ġlormu Chetcuti. Kien ġa għanieha bl-arredi sagri kollha meħtieġa.[54]

Il-P.L. Borg Pantalleresco ddeskriva lil Dun Edgar meta raħ taħt il-portiku tal-knisja b'suttana mikduda, b'naqra ta' berettin, maħruq mix-xemx b'mod li ħadd ma seta' jgħid li "mhux bin art twelidu: iċ-ċkejkna Malta."[55]

Dun Edgar kien bniedem ferrieħi u ta' qalb tajba, sinċier, leali, popolarissimu ma' kulħadd u l-iżjed ma' l-Imġarrin. Ħadem b'qalbu kollha għal kulħadd, l-aktar għall-fqajrin u l-ħaddiema.[56]

Kien jikteb b'Ingliż li jġib suddizzjoni lill-istess Ingliżi. Fl-1942 irnexxielu jaqla' l-maħfra minn Lord Gort lil xi bdiewa li weħlu multi ta' £1040. Ħareġ xi suldati mill-ħabs militari u ġieb flus lill-familji ta' dawk li mietu

fgati bil-gass tal-petrol. Ħaddem it-tagħlim ta' Kristu bil-qawwa kollha: karità, verità u ġustizzja.[57]

L-awtoritajiet ta' Malta ammirawh. Sir Harry Luke, Sir William Fisher, Sir C. Bonham Carter, Sir William Dobbi u Lord Gort kienu kollha ħbieb tiegħu. B'din il-ħbiberija gawda l-Imġarr: toroq ġew asfaltati, inġab it-tabib distrettwali, saru pjazza sabiħa, għassa tal-pulizija u d-dar tas-servizzi ċivili u sanitarji.[58]

Dumink Degiorgio kiteb li ħa gost jaqra l-artiklu tal-Prokuratur Legali Giuseppe Borg Pantalleresco u laqtu l-kliem dwar l-Ingliż tajjeb ta' Dun Edgar. Dumink Degiorgio qal li ***Musta, Memories and Charms,*** li Dun Edgar stampa fl-Ingilterra fl-1911, ġie mfaħħar mil-aqwa biblijotekarju li qatt kellha l-gżira, Mons. Alfred Mifsud.[59]

Minkejja li kien imħabbat bil-bini tal-knisja ta' l-Imġarr, Dun Edgar ħadem ħafna għat-tixrid tat-tagħlim soċjali tal-Papiet.[60] Dun Edgar jista' jgħid b'wiċċu minn quddiem li dak it-tagħlim soċjali ħaddmu b'mod mill-aktar estensiv ma' l-Imġarrin, li kien jonqoshom kull għajnuna. Kin ilaqqa' lill-irġiel u żgħażagħ minn dawra ta' sitt mili. Ħafna minnhom kellhom jimxu fit-tul. Lill-ommijiet kien jagħmlilhom laqgħat oħra.[61] Dun Edgar fehem l-importanza li lin-nies idaħħalhom jgħixu fil-kurrent ewlieni tas-soċjetà ta' żmienu biex setgħu jikkompetu.

Is-Sur C.J. Schembri. f'apprezzament fi ***Il-Mosta***[62], kiteb: *"Dun Edgar kien fuq kollox verament il-qassis tal-poplu u għalhekk kien jieħu ħsieb mhux biss fil-ħajja tar-ruħ imma ħabrek biex itejjeb dik tal-ġisem billi jikseb il-ġid u l-hena lil ħaddieħor."*

Dun Edgar kien maħbub għax kien ragħaj, mhux xrik sagristan. Kien tal-poplu u għex għall-poplu. Ferraħ u henna, ma xewwek u ħaraq lil ħadd. Minkejja r-rank u d-dekorazzjonijiet militari u l-implikazzjonijiet tagħhom, Dun Edgar ħarab il-pompa u użahom għall-ġid tan-nies. Il-***ludus*** u l-***pane et circenses*** ħalliehom għal min ried jikseb il-popolarità hu bi spejjeż tan-nies. Kien popolari. Ma setax ikun mod ieħor għax l-intriċċi ma kienux parti mill-pastorali tiegħu ladarba la kien negozjant u anqas illużjonista.

Ħajtu kienet marbuta ma' tliet parroċċi dedikati lil Marija Assunta, mifruxa ġeografikament fuq bażi ċentrali bil-ponta ta' l-apiċi fil-punent ta' Malta. Twieled, għex u miet dejjem taħt il-ħarsien ta' Marija Assunta, il-ġawhra tas-saċerdozju tiegħu u Omm l-Ewkaristija, li hu ppromwova fost kulħadd.

Kellu jkun sinjal ta' l-imħabba ta' l-Omm ċelesti tiegħu li niżlet għalih fid-dar tiegħu fl-ottava tal-festa ta' Santa Marija Assunta 1969. Kien il-Gimgħa, 22 ta' Awissu, 1969, is-sollennità ta' Marija Reġina.

Mons. Edgar Walter Salomone HCF indifen fiċ-ċimiterju ta' l-Imġarr. Barra s-Sala Dun Edgar hemm triq imsemmija għalih. Hemm oħra msemmija għalih fil-Mosta. Il-kwartier ġenerali Mosti ta' l-iskawts fi Triq it-Torri ssemma ***Dar Mons. Edgar Salomone***. Is-Sur C.J. Schembri, eks-Scoutsmaster tal-Mosta Group, kiteb dawn il-kelmiet storiċi dwar il-***boy scouts*** tal-Mosta, li twaqqfu fl-oratorju Qalb ta' Ġesù minn Dun Edgar: "*... għadhom attivi sa llum u huma mkabbrin li isimhom huwa marbut ma' dak ta' Dun Edgar.*"[63] F'għeluq ix-xahar minn mewtu tqaddset quddiesa b'suffraġju fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù.[64]



*29-5-1940.*
*Dun Edgar flimkien mal-Gvernatur Sir William Dobbie u Lady Dobbie.*

Veru li Dun Edgar bata ħafna biex bena l-knisja, kważi kollha, ta' l-Imġarr. L-ikbar mertu tiegħu, madankollu, kien l-għajnuna soċjali u l-mezzi ċiviċi li pprokura għall-Imġarrin fi żmien meta l-istat kolonjali kien xħiħ mal-poplu. Fi kliem reliġjuż, stima lill-knisja iżjed mill-knisja u tħabat għaliha, għax kienet il-poplu, ferm iżjed milli tħabat għall-monument tal-ġebel, fih innifsu intrapriża kolossali.

## BIN NOBBLI U ANZJAN MEQJUM TA' TLETT IRĦULA

"Il-qassis,", kif xtaq li jibqa' magħruf Mons. Dun Edgar Salomone, qiegħed jistrieħ fiċ-ċimiterju ta' l-

Imġarr, imdawwar mis-sbuħija tar-raba' u l-kwiet. Madankollu l-fdal sagru ta' dan il-vin nobbli ta' tlett irħula jixirqilhom li jkunu sollennement trasportati u mqiegħda biex jistrieħu fit-tempju t'Alla, qrib it-Tabernaklu, f'post prominenti taħt il-koppla elittika tal-Mosti Giomaria Camilleri. Dun Edgar m'għandux jibqa' mifrud mill-opra tiegħu u l-opra m'għandhiex tibqa' mċaħħda mill-aqwa benefattur tagħha flimkien ma' Dun Ġlormu Chetcuti, il-fundatur u mexxej ta' l-ewwel snin. Wara tmienja u għoxrin sena minn mewtu u mija u ħmistax minn twelidu din is-sena, m'hemmx aktar żmien s'jintilef. Edgar, il-ħabib tan-natura u tal-pajsaġġ, wirtna minn Alla u wirt tal-posterità.

Dun Edgar jibqa' miftakar għax ħabb lill-bniedem qabel il-prodotti tiegħu, irrispetta l-ġmiel tan-natura, mexa mal-kbarat u baqa' wieħed mill-poplu ż-żgħir u għaraf ikun pijunier soċjali b'ideat li ma beżax jimporta minn barra.

6 - 7 ta' Settembru, 1996

**DUN EDGAR!**

Twelidt fi żmien ir-renju tar-Regina Vittorja tal-Gran Brittanja u kellek kuntatti ma superjuri Ingliżi tal-gżira tagħna. Minnhom għaraft tikseb l-għajnuna għall-Imġarr għażiż tagħna. Kont tammira ċ-ċiviltà Ingliża kif kont tgħożż ir-reliġjon Kattolika. Madankollu, x'kont tagħżel l-ewwel, il-Victoria Lines jew il-Ħarsien tal-wied ewlieni ta' gżiritna? Min kien jiġi l-ewwel għalik, bennej ta' knisja monumentali, ta' Oratorju meraviljuż u ta' bini ieħor, l-artefatt tal-bniedem jew il-bniedem u n-natura, opri divini? X'kont tgħid illum, Dun Edgar, għall-istat li jinsab fih il-wied illum? Tgħid kont tħabbat il-bieb ta' xi leġislatur biex jinqata' kurdun wiesa' ġmielu madwar il-wied li ma jkun jista' jintmess b'ebda attivita' tal-bniedem? Mur għidlek, Dun Edgar tal-***Musta, Memories and Charms*** b'dawk il-veduti idilliċi, Arkadjani ta' wied fl-iprem tas-sbuħija naturali tiegħu, fiex ġie!

**ONERU INTERNAZZJONALI**

Il-wied bis-seħer u l-misteri tiegħu, bil-fawna u l-flora tipiċi tiegħu, hu wirt superjuri fil-kwadru tal-liġi internazzjonali għall-bini u jrid jiġi mħares bil-liġi b'mod *mandatorju* u *statutorju*. Fil-***Musta, Memories and Charms,*** Dun Edgar jikteb li wara xita torrenzjali jew ġranet sħaħ li fihom ix-xita ma taqta' xejn, fi kliem ir-Rev. C.F. Goodwin[65], dan il-wied *"might almost be mistaken for a mountain glen in Wales or Bonie Scotland."* Dun Edgar kien difensur, avukat u promotur ta' dan l-ifnad u l-isbaħ wied tal-gżejjer Maltin. Il-ħarsien tal-wied hu omaġġ lil Dun



*Dun Edgar, Kappillan ta' l-Imġarr.*

## Footnote References


1 *Il-Monsinjur Edgar Salomone,* Francesco Mangion, ***Storja tal-Mosta ta' E.B. Vella u Oħrajn,*** p.290
2 *Il-Monsinjur Edgar Salomone, PEP, CCOM, HCF, KJM, Profili Kattoliċi - 19,* ***Leħen is-Sewwa,*** Is-Sibt ta' Lulju, 1963, p.5
3 ***idem***
4 ***idem***
5 ***idem***
6 ***idem***
7 ***idem***
8 ***idem***
9 ***idem***
10 ***X'Għadda minni fl-Ewwel Gwerra Dinjija,*** Dun Edgar Salomone HCF, ***Leħen is-Sewwa,*** It-Tlieta, 19 ta' Novembru, 1963, p.6
11 ***idem***
12 ***idem***
13 ***idem***
14 ***idem*** Is-Sibt, 23 ta' Novembru, 1963, p.6
15 ***idem***
16 ***idem***
17 ***idem***
18 ***idem, Leħen is-Sewwa,*** It-Tlieta, 26 ta' Novembru, 1963, p.6
19 ***idem***
20 ***idem***
21 ***idem***
22 ***idem***
23 ***idem***
24 ***idem***
25 ***idem***
26 ***idem***
27 ***Leħen is-Sewwa,*** It-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 1963, p.2
28 *L-Oratorju Mfakkar,* Dun Edgar Salomone, f'***Leħen is-Sewwa,*** it-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 1963, p.2
29 ***Il-Berqa,*** 11 ta' Novembru, 1947, p.2
30 ***idem***
31 ***Il-Berqa,*** L-Erbgħa, 19 ta' Novembru, 1947, p.7
32 ***Il-Berqa,*** 19 ta' Novembru, 1947, p.7; ***Times of Malta,*** November 18, 1947, p.7
33 ***Il-Berqa,*** 14 ta' Novembru, 1947, p.2
34 ***Il-Berqa,*** 19 ta' Novembru, 1947, p.7; ***Times of Malta,*** November 18, 1947, p.7
35 ***Times of Malta,*** June 3, 1947, p.4
36 ***Times of Malta,*** May 27, 1947, p.4
37 ***idem***
38 ***Times of Malta,*** November 9, 1953, p.7
39 ***Times of Malta,*** October 23, 1954, p.9
40 ***idem***
41 ***idem***
42 ***Times of Malta,*** January 21, 1958, p.13
43 ***Times of Malta,*** December 29, 1958, p.12
44 ***Il-Berqa,*** 1 ta' Jannar, 1959, p.4
45 ***Times of Malta,*** January 9, 1959, p.11
46 ***idem***
47 ***idem***
48 ***idem***
49 ***idem***
50 ***idem***
51 ***Leħen is-Sewwa,*** 12 ta' Awissu, 1959, p.11
52 ***Leħen is-Sewwa,*** 8 ta' Ottubru, 1952, pp.4-5
53 ***Leħen is-Sewwa,*** 19 ta' Lulju, 1947, p.6
54 ***idem***
55 ***idem***
56 ***idem***
57 ***idem***
58 ***idem***
59 ***Archivum Melitense Vol. II. III. Leħen is-Sewwa,*** 6 ta' Awissu, 1947, p.3
60 ***Leħen is-Sewwa,*** 13 ta' Novembru, 1936, p.6
61 ***Leħen is-Sewwa,*** 4 ta' Diċembru, 1936, p.6
62 *Il-Monsinjur Edgar Salomone Miet,* C.J. Schembri, ***Il-Mosta,*** Nru 28, Ottubru - Novembru, 1969 p.7
63 *Il-Monsinjur Edgar Salomone Miet,* C.J. Schembri, ***Il-Mosta,*** Nru 28, Ottubru - Novembru, 1969 p.7
64 ***idem***
65 ***The Maltese Islands***



IL-KUMITAT
TAS-SOĊJETÀ FILARMONIKA
NICOLÒ ISOUARD
JISTIEDEN LILL-MOSTIN KOLLHA
GĦALL-FESTI
TAL-PATRUNA TAGĦNA,
SANTA MARIJA
ASSUNTA